MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 98/2010

**Public Broadcasting Services Limited (C 13140)**

**Vs**

**Smart Digital Network Limited (C38188)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta rikorrenti talbet sabiex dik intimata tghid il-ghaliex ma ghandiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont ta’ erbat elef Euro u disa’ centezmi (€4,000.09) rapprezentanti bilanc fuq ammont dovut ghal servizzi rezi lis-socjeta’ konvenuta, flimkien ma’ l-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta’ din il-procedura u dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Settembru, 2008, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tallum stess.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta’ konvenuta giet notifikata skond il-ligi bl-avviz in esami izda la dehret la presentat xi forma ta’ eccezzjoni sabiex tikkontesta t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti.

Illi din, da parti taghha pproduciet lil Ramona Mamo Degiovanni li oltre li pprezentat diversi dokumenti in sostenn tal-istess talbiet, xehdet li l-ammont, specifikat fl-avviz, kien ghadu dovut sallum. Ghalhekk it-talbiet in esami ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas lil dik rikorrenti s-somma ta’ €4,000.09 bl-imghax legali ‘a scaletta’ mill-ewwel (1) ta’ Settembru 2008, skond l-annessa fattura li ggib id-data tat-30 ta’ Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta’ din il-procedura inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Settembru 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------